

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

22.10.2008

B6-0549/2008 }  
B6-0553/2008 }  
B6-0555/2008 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Jaime Mayor Oreja, Fernando Fernández Martín, Sérgio Marques, Charles Tannock, Bernd Posselt, Laima Liucija Andrikienė u José Ribeiro e Castro, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Ignasi Guardans Cambó, Renate Weber, Josu Ortuondo Larrea u Marios Matsakis, f'isem il-Grupp ALDE
- Inese Vaidere, Ryszard Czarnecki u Adam Bielan, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PPE-DE (B6-0549/2008)
- IND/DEM (B6-0553/2008)
- ALDE (B6-0555/2008)

dwar l-iskwalifiki politiċi fil-Venezwela

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-iskwalifiki politiċi fil-Venezwela

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela, partikolarment dik tal-24 ta' Mejju 2007 dwar il-każ tal-Kanal tat-Televiżjoni Radio Caracas fil-Venezwela,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Human Rights Watch ta' Settembru 2008 bl-isem ta' "Deċennju taħt Chávez: Intolleranza Politika u Opportunitajiet Mitlufa għall-Progress tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Venezwela",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-awtoritajiet tal-Venezwela qed jużaw bosta listi ta' ċittadini ('lista Tascón', 'lista Maisanta', 'lista Russián') biex ineħħu uffiċjali pubbliċi mill-kariga tagħhom u biex jiċħdu liċ-ċittadini mid-dritt tagħhom li jkollhom karigi ta' uffiċjali pubbliċi u mill-aċċess għal servizzi u proċeduri amministrattivi,
- B. billi l-użu politiku ta' dawn il-listi qed jirrestrinġi d-drittijiet ċivili u politiċi tal-opponenti tal-Gvern attwali tal-Venezwela, partikolarment id-dritt li ċ-ċittadin jorhoġ għall-elezzjoni u d-dritt tal-votanti li jeliġġu fil-libertà kollha l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom,
- C. billi l-Kontrollur-Ġenerali tal-Venezwela ħareġ ordni amministrattiv li bih ġie skwalifikat numru kbir ta' personalitajiet tal-oppożizzjoni milli jorhoġu għall-elezzjonijiet reġjonali u lokali li għandhom isiru f'Novembru 2008,
- D. billi l-awtoritajiet tal-Venezwela b'mod arbitrarju keċċew mill-pajjiż lid-direttur tal-NGO Human Rights Watch, José Miguel Vivanco, u lill-viċi Direttur tal-organizzazzjoni, Daniel Wilkinson, minħabba li kienu ppreżentaw rapport kritiku dwar il-libertajiet ċivili u s-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem matul l-10 snin li matulhom kien jinsab fil-poter il-President Hugo Chávez,
- E. billi dawn huma biss l-aħħar episodji fost numru kbir ta' miżuri li ttieħdu mill-gvern sabiex jiġu intimiditi l-membri tal-oppożizzjoni, id-dissidenti u l-osservaturi internazzjonali fil-pajjiż,
- F. billi fl-1 ta' Ottubru 2008, Julio Soto, student mexxej tal-partit Copei u President tal-Unjin tal-Istudenti fl-Università tal-Istat ta' Zulia, inqatel permezz ta' bosta tiri ta' arma tan-nar fil-karozza tiegħu fil-belt ta' Maracaibo – reat li twettaq taħt kundizzjonijiet suspetti u li għad irid jiġi ċċarat,
1. Jesprimi tħassib dwar il-lista ta' skwalifiki elettorali maħruġa mill-Kontrollur-Ġenerali tal-Venezwela;
  2. Ihegġegħ lill-Gvern tal-Venezwela biex jeżamina l-iskwalifiki politiċi ta' hawn fuq li ġew imponuti amministrattivament, b'referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 42 u 65 tal-Kostituzzjoni tal-Venezwela, li li jgħidu li miżuri bħal dawn fuq bażi definittiva jistgħu biss jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji, kif inhu normali fl-istati demokratiċi kollha;

3. Iħeġġeġ ukoll lill-Gvern tal-Venezwela biex ikun konformi mal-ftehimiet internazzjonali ffirmati u ratifikati mill-Venezwela, inkluża l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet politiċi mniżżla fl-Artikoli 23(1)(b) u 23(2) tagħha, u l-Artikoli 2 u 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;
4. Jesprimi oppożizzjoni qawwija fir-rigward tat-turment u tal-iskwalifika arbitrarja tad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li din it-tkeċċija toħloq preċedent ferm gravi fir-rigward tar-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tad-dritt li wieħed jikkritika, li jikkostitwixxu element fundamentali għal kwalunkwe soċjetà demokratika;
5. Jikkundanna bis-saħħa l-qtil tal-istudent mexxej, Julio Soto; iressaq il-kondoljanzi tiegħu lill-familja u lill-ħbieb tal-vittma, u jitlob lill-awtoritajiet tal-Venezwela biex jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jiġi ċċarat dan il-qtil mill-aktar fis, ħalli l-qattela u l-persuni responsabbli jinġiebu quddiem il-qrati, u sabiex dan ir-reat issirli ġustizzja;
6. Jitlob lill-gvern ta' Chávez biex itemm dan it-tip ta' prattiki u biex irawwem demokrazija iktar parteċipattiva fil-Venezwela, b'konformità sħiħa mal-prinċipji stabbiliti fil-kostituzzjoni tal-1999;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana, lill-Parlament tal-Mercosur u lill-gvern u lill-parlament tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.